


# Morru... stiednu għall-festa lil kull min issibu (Mt 22:9)

Għażiż/a

Nispera li tinsab tajjeb/tajba. Erġajna ninsabu fl-eqqel tas-sajf u għal Missio Malta dan ifisser ħaġa waħda – preparamenti bla waqfien għal Ġurnata Missjunarja li din is-sena se tkun iċċelebrata nhar il-Ħadd 20 t'Ottubru 2024.

Kif taf, dan il-jum għażiż għalina, illum il-ġurnata żviluppa f'ċelebrazzjoni ta' xhar sħiħ, għalhekk mhux l-ewwel darba li nirreferu għalih bħala x-xahar missjunarju! U dan bix-xieraq għax tant għandna attivitiajiet u inizzjattivi x'inwasslulkom li jkun impossibli li nagħmluhom kollha f'jum wieħed.

Din is-sena se nifitħu x-xahar b'avveniment eċċezzjonali fejn għall-ewwel darba qed norganizzaw kunċert straordinarju bis-sehem ta' Dun Rob Galea, li se jkun qed iferraħna filwaqt li jmexxina f'mument ta' ġabra spiritwali nhar l-4 u 6 t'Ottubru. L-attivitajiet ikomplu tul ix-xahar kollu, u jilħqu l-qofol tagħhom fil-Ġurnata Missjunarja nnifisha sabiex niċċelebraw il-ħidma missjunarja ta' eluf ta' nies madwar id-dinja.

Għalhekk, l-appell tiegħi għalikom jibqa' wieħed: Id-donazzjonijiet tagħkom huma l-mezz ewlieni li bih Missio jista' jagħmel il-ħidma tiegħu li tħalli tant frott. Ħidma bħal dik li sseħħ fl-isptar tal-maternità li tmexxi Swor Marija Goretti fl-Uganda.

Nru. 7 Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT1171 2123 6962 missio.org.mt/missio-month

Dan l-isptar, li diġà jaqdi l-ħtiġijiet ta' mijiet ta' ommijiet fis-sena, għad m'għandux sala tal-operazzjonijiet biex ikunu jistgħu jsiru fih interventi mediċi f'każ ta' emerġenza, bħal ċesarja. Sfortunatament, rajna każi b'għajnejna stess bħal dak tat-tarbija Evelyn, li spiċċat orfni għax ommha mietet waqt il-ħlas. Kieku fl-isptar kien hemm sala tal-operazzjonijiet, kif huwa normali f'kwalunkwe pajjiż, din l-omm kienet issalva bl-iżjed mod faċli.

Din hija waħda biss mill-istejjer ta' qsim il-qalb li jseħħu ta' kuljum, sforz il-limitazzjonijiet. Swor Marija Goretti u sħabha, jagħmlu l-almu tagħhom u jaħdmu bla heda biex isalvaw kemm jifilħu ħajjiet, iżda huma wisq limitati mir-riżorsi.

Bl-għajnuna tiegħek, Missio Malta jista' jagħmel differenza kbira f'komunitajiet bħal din ta' Swor Maria Goretti, fejn il-Knisja mhux biss issalva l-ħajjiet, imma wisq aktar tifforma persuni li huma wkoll jaslu biex b'ħajjethom joħolqu dinja aħjar fejn il-vera paċi u l-ġustizzja ma jibqgħux biss ħolma sabiħa, imma jsiru dejjem aktar realtà.

Għalhekk, din is-sena se nerġgħu nkunu qed induru fuqkom biex tgħinuna nsalvaw il-ħajjiet, bħal ta' omm Evelyn u eluf oħrajn. Ingħaqad magħna fil-Jum Missjunarju nhar il-Ħadd 20 t'Ottubru, u agħti s-sostenn tiegħek kif dejjem għamilt lil Missio Malta. L-għajnuna tiegħek tista' tagħmel id-differenza kollha!

Insellu għalik.
Dejjem tiegħek,

**Dun Victor Agius**
*Direttur Nazzjonali*
*Missio Malta*

**Robert Farrugia**
*Kap tal-Komunikazzjoni u Ġbir ta' Fondi*
*Missio Malta*

